# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Illum: 21 ta' Awwissu, 2023

Il-Pulizija
(Spettur Roderick Attard)
Vs
Mohamad Farhoud
Ibrahim Mahmoud Freh

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonjiet fil-konfront ta' **Mohamad Farhoud ta' wiehed u ghoxrin (21) sena iben Ahmed u Andurra Hussein imwieled is-Sirja nhar il-1 ta' Jannar 2002 residenti gewwa l-fond 90, Dorand Crt, flat 2, Triq L-Akwedott, B'Kara u detentur tal-karta ta' l-identita numru 103270A.**

**Ibrahim Mahmoud Freh, ta' tletin sena iben Ibrahim Mahmoud Freh u Hadiga Fledge,imwieled gewwa s-Sirja nhar il-1 ta' Jannar 1993, residenti gewwa l-fond 96, Triq Guze' Pace, Hamrun u detentur tan-nurmu ta' refcom 26052.**

Akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn id-dsatax (19) ta’ Awwissu, elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) u l-ghoxrin ta’ Awwissu elfejn u tlieta u ghoxrin (2023) gewwa numru ta’ ghelieqi sitwati fil-landrijiet limiti tar-Rabat u/jew fi bnadi ohra fil-gzejjer Maltin:

1. Ikkometew serq ta’ diversi kannestri kontenti basal, bzar ahdar u tadam, liema serq huwa kwalifikat bil-hin ghad-dannu ta’ James Scicluna u/jew Paul Busutill u/jew persuni ohra.

2. Nakkuzahom ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanza bi ħsara tas-sid jew tad-detentur, għamlu vjolazzjoni oħra kontra l-proprjetà ta’ James Scicluna u/jew Paul Busutill u/jew persuni ohra, mhux imsemmija fil-paragrafi ta’ qabel ta’ dan l-artikolu, u lanqas band’oħra fil-kodici kriminali.

   **Lil Mohamad Farhoud wahdu talli**:

3. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, saq vettura tal-għamla Toyota Hilux bin-numri ta’ reġistrazzjoni FCL115 mingħajr ma kien kopert b’polza tas-sigurta’ dwar riskji għal-terzi persuni;

4. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq il-vettura bi numru ta’ registrazzjoni FCL115, ta’ ghamla *Toyota Hilux* u soqt l-imsemmija vettura minghajr ma kellek licenzja tas-sewqan mahruga mill-awtorita kompetenti.

5. Nakkuzah aktar talli fl-istess data, hin, lk u cirkortanzi saq il-vettura FCL115, ta’ l-ghamla Toyota Hilux minghajr ma din kellha licenzja.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-każ ta’ ħtija tal-imputat Mohamad Farhoud, minbarra li tinfliġġi l-piena stabbilita skond il-Liġi, tiskwalifika lil imputat milli jkollu jew milli jikseb kull liċenzja

tas-sewqan għal dak it-tul ta' żmien li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jthallsu l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tordna is-sekwestru tal-vettura tal-ghamla tip ***Toyota Hilux*** bin-numru tar-registrazzjoni FCL115 hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 23 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-prosekuzzjoni irtirat t-talba sabiex il-vettura FCL115 tigi sekwestrata.

Rat li waqt l-udjenza tal-21 ta' Awwissu, 2023 saret l-ezami tal-imputat fejn saret l-ammissjoni tal-imputati fejn il-Qorti wissiet l-imputati bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghhom ghall-imputazzjonijiet kontestati lilhom, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibhom hatja u tikkundannhom ghal-piena li tista tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti wara li taghthom zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsultaw mal-Avukat Difensur u jiddeciedu jekk hux sejjrin jergaw lura mill-ammissjoni registrata minnhom semghet lill-imputati itennew li huma hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontrihom.

Rat l-Artikoli 281(a), 340 (d) u 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-prosekuzzjoni irtirat t-talba sabiex il-vettura FCL115 tigi sekwestrata.

Illi rigwardanti t-talba sabiex jithallsu l-ispejjes ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 ma hemm l-ebda provi u bhekk ma tista' issir l-ebda stima ta' spejjes.

Illi fi stad bikri hafna tal-proceduri l-imputati iddikjaraw l-ammissjoni taghhom.

**Decide**

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli l- Artikoli 281(a), 340 (d) u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 3 tal-Kap 104 tal-Liġijiet ta' Malta, Artikolu 15(1)(a) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta tastjeni li tiehu konjizzjoni tat-talba rigwardanti s-sekwestru tal-vettura FCL 115 u tat-talba ghall-hlas tal-ispejjes relatati mal-hatra tal-esperti ai termini tal-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-kontfront taz-zewg imputati.

Rigwardanti l-imputat **Mohamad Farhoud wahdu** issibu hati tal-imputazzjonijet l-ophrajn kollha u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmin (8) xhur u ai termini tal-Arikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-piena hi sospiza ghal zmien sena , kif ukoll sospensjoni ghal sena tal-licenzji kollha tieghu tas-sewqan kif ukoll Multa ta' elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu ( 2329.37) li ghandhom jithallsu fi zmien tlett snin.

Rigwardanti l-imputat **Ibrahim Mahmoud Freh** wahdu issibu hati tal-imputazzjonijet l-ohrajn kollha kontrih u tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmin (8) xhur u ai termini tal-Arikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta din il-piena hi sospiza ghal zmien sena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**